

## Dedikati lil San Bert fil-Gżejjer Maltin

# Kappelli

**Julian Bezzina**

Il-qima lejn San Bartilmew fil-gżejjer Maltin hija qadima ħafna. Dan għaliex barra li hu wieħed mill-qaddisin ewlenin tal-Knisja, għax kien wieħed mill-appostli, l-antenati tagħna kienu jirrikorru lejh meta kienu jinħakmu minn xi marda tal-ġilda. Jissemmew tliet kappelli qodma ħafna ddedikatli lil dan il-qaddis. Waħda kienet f'Għawdex, oħra fil-Gżira quddiem *Manoel Island* (Bieb il-Gżira) u oħra fiż-Żonqor ta' Wied il-Għajn.



*Il-kwadru tal-knisja l-qadima tagħna – xogħol ta' Gio Maria Abela - 1587.*

Barra dawn fil-viżta appostolika ta' Mons. P. Dusina (1575) jissemmew għaxar kappelli oħra. Il-kappelli ewlenin ta' erba' rħula żgħar kienu ddedikati lil San Bartilmew, fosthom tar-raħal tagħna dak iż-żmien magħruf bħala *Casal Gregor*. Il-kappella tar-raħal tagħna, għalkemm ma kinitx l-aktar waħda antika fir-raħal, kienet dik li ntgħażlet biex tkun il-parroċċa. Hawnhekk in-nies tar-raħal taw merħba lil Mons. Dusina u talbuh biex jibgħat qassis biex iqaddes fir-raħal fil-Ħdud u l-Festi kmandati. Dak iż-żmien kien hawn fir-raħal tmenin dar. Ġakbu Cronfle minn Ħal Lija kien obbligat li jagħmel il-festa ta' San Batilmew, għax kellu għalqa fl-Għallis imħollija għal dan l-għan.

Ir-raħal ċkejken ta' Ħal Mann (*Casal Luman*) kellu l-kappella ewlenija tiegħu ddedikata lil San Bartilmew. Dan ir-raħal kien jinsab wara l-istabbiliment ta' *Kinds*, f'Ħal Lija. Kien raħal żgħir għax kellu biss tnax-il dar u kienu jgħixu fih ħamsin ruħ. Mons. P. Dusina sab il-kappella fi stat ħażin u bla bieb, għalhekk ordna li ma jsirux ċelebrazzjonijiet fiha qabel ma jsir il-bieb u tkun tissakkar sewwa. Fl-1612 din il-kappella reġgħet inbniet mill-ġdid minn Dun Indrì Galea, qassis minn Ħal Mann stess. Illum il-kappella spiċċat għal kollox u l-kwadru tagħha jinsab fis-sagristija tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Lija, Ħal Tartarni kien raħal ta' xi għoxrin dar u kien jinsab xi nofs mil 'il bogħod minn Ħad-Dingli, qrib il-kappella tal-Madalena. Il-kappella ta' San Bartilmew kienet diġà mwaqqa' fl-1575 u ma kinux isiru ċelebrazzjonijiet fiha.

Ħal Capurat kien raħal żgħir u kien jinsab fejn illum insejħulu l-



Imriehel. Tant kien żgħir, li tmienja minn nies biss jidhru fil-lista tad-dejma ta' l-1419-1420. Il-kappella ewlenija tar-raħal kienet ukoll dedikata lil San Bartilmew. Fl-1575 il-kappella kienet fi stat ħażin ħafna għalkemm kellha pittura ta' San Bartilmew. Il-festa kien jorganizzaha ċertu Antonius Commensole.

Fir-Rabat ta' Malta Mons. Dusina kien żar kappella żgħira ddedikata lil San Bartilmew. Din għadna nistgħu narawha sal-lum. Għalkemm kienet tal-Patrijiet Agostinjani, din kien jieħu ħsiebha Dun Julius Farraiol. Kien għamlilha dak kollu meħtieġ. Għamel ukoll pittura ta' San Bartilmew għal fuq l-artal. Kien jagħmel il-festa bil-quddiesa u l-għasar. Fis-Siġġiewi, Mons. Dusina żar kappella ddedikata lil dan il-qaddis fin-naħa magħrufa *Tal-Ħesri*. Din ukoll kienet fi stat ħażin, għalkemm ċertu Simon Vella kien jagħmel il-festa ta' San Bartilmew bil-quddiesa u l-għasar. Mons. Dusina ordna li din titwaqqa' u flokha jinbena salib. Hu ordna wkoll lill-kappillan tas-Siġġiewi biex jiddedika artal lil San Bartilmew fil-knisja parrokkjali u l-festa ta' San Bartilmew issir hemmhekk. F'Ħaż-Żebbuġ ukoll kien hemm kappella ddedikata lil dan il-qaddis. Mons. P. Dusina sabha fi stat tajjeb ħafna. Ċertu Bartilmew Borg kien obbligat li jagħmel il-festa ta' San Bartilmew għax kellu xi raba' mħolli għal dan l-għan. Għalkemm din il-kappella spiċċat għal kollox, fl-artal tal-Karità fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ naraw il-figura ta' San Bartilmew fil-pittura ta' Gio Nikola Buhagiar (1738).

Fiż-Żurrieq, fi Triq San Bartilmew għadna naraw kappella sabiħa ħafna ddedikata lil dan il-qaddis. Għalkemm din mhix l-istess kappella li kien żar Mons. Dusina fl-1575, għax kienet inbniet mill-ġdid, dan kien sab il-kappella l-qadima fi stat tajeb ħafna u sejħilha *decens ecclesia* (kappella diċenti). Kienet għadha kif ġiet imbajda mill-ġdid u kellha dak kollu meħtieġ. Kien jieħu ħsiebha Mikiel Mangion u kien jagħmel il-festa ta' San Bartilmew.

F'Ħal Tarxien fit-28 ta' April 1764 tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' kappella ddedikata lil San Bartilmew. Il-kappella nbniet mill-flus ta' Dun Bartilmew Mangion li kien ħalla fit-testment tiegħu. Din hi ġawhra ta' l-arkitettura tal-Perit Giuseppe Bonnici (1707-1779). Din ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Vincenzo Labini fit-30 ta' April 1797.

Il-kappella hi ddedikata lil San Bartilmew u l-Madonna tal-Parir it-Tajjeb, kif jidhru fil-kwadru ta' l-artal maġġur, xogħol ta' Rokku Buhagiar. F'din il-kappella għadha ssir il-festa ta' San Bartilmew.

F'Għawdex ukoll id-devozzjoni lejn San Bartilmew ma kinitx nieqsa. Wieħed jista' jgħid li qabel l-1400 f'din il-gżira kien hemm kappella ddedikata lil dan il-qaddis f'post magħruf bħala *tal-Berberi*. Xejn ma nafu iżjed fuq din, lanqas il-post eżatt fejn kienet tinsab.

Fix-Xewkija hemm kappella oħra ddedikata lil San Bartilmew. Din ma tissemmiex fil-viżta appostolika ta' Mons. Dużina għax inbniet wara l-1575. Fl-1735, il-kappillan tax-Xewkija Dun Pietru Aquilina qabbad lill-pittur Gio Nikola Buhagiar biex ipinġi kwadru ġdid għall-artal maġġur. Dan il-kwadru jirrappreżenta lill-Madonna tal-Ħniena u San Bartilmew. Dan tħallas minn Horatio Gilestri. Minn dak iż-żmien din il-kappella bdiet tissejjaħ *Tal-Ħniena*.

Barra l-kappelli ddedikati lil San Bartilmew f'xi knejjes kien hemm artali ddedikati lilu fl-1575 fil-knisja tal-Lunzjata tal-Birgu, kien hemm wieħed li kienet tieħu ħsiebu s-*Societa di Santa Barbara*. Artal ieħor kien fil-kappella ta' San Mark fil-Gudja, u kien jieħu ħsiebu Baptista de Buardo iżda fil-festa ta' San Bartilmew kienu jieħdu ħsiebu Luqa Bonnici u Nardu Ellul, għalkemm dawn kienu jonqsu minn dmirijiethom. Baptista de Buardo informa lil Mons. Dusina u dan min-naħa tiegħu ammonihom. Hu ordna wkoll li l-knisja ta' San Mark tiġi rranġata għax ma kinitx fi stat tajjeb u l-kwadru ta' San Bert jitpoġġa fuq l-artal maġġur fejn tista' ssirlu festa aħjar.

Kif diġà rajna l-festa ta' San Bartilmew ilha tiġi ċċelebrata fir-raħal tagħna għal madwar ħames mitt sens, dejjem skond kif setgħu jagħmluha n-nies tar-raħal matul iż-żmien.

Għalkemm foqra l-antenati tagħna ma naqsux li jħallulna knisja mgħonija b'teżori kbar. L-akbar teżor hi l-vara ta' San Bartilmew, waħda mill-akbar xogħlijiet ta' l-arti fil-gżejjer Maltin.


Highfield Playschool
Learning is Fun
Tal-Virtù
*(Overlooking Buskett Valley)*
Mrs. D. Farrugia
Tel: 2145 5468, 2145 5452

HIGHFIELD
Playschool and Kindergarten
Children: 2-5 Years
Qualified and experienced teachers.
Large equipped outdoor play area.
Spacious and airy classrooms & Supervised Transport.
**Registration for October 2003 is now open.**